

Brussell, 4 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16131/1/25
REV 1

| | |
|-----------------|-------------|
| SIMPL 198 | EF 393 |
| ANTICI 198 | ENER 635 |
| AGRI 655 | ENT 267 |
| AGRIFIN 156 | ENV 1302 |
| BETREG 46 | FIN 1470 |
| CHIMIE 145 | IA 213 |
| CLIMA 569 | IND 555 |
| ELARG 158 | INDEF 172 |
| COH 236 | JAI 1812 |
| COMPET 1260 | MAP 147 |
| CONSOM 275 | MI 979 |
| CSC 628 | POLCOM 362 |
| DATAPROTECT 318 | SAN 787 |
| DRS 94 | TELECOM 446 |
| ECO 52 | TRANS 608 |
| ECOFIN 1644 | CODEC 1968 |

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Simplifikazzjoni
a) Rapport Ġenerali Annwali tal-2025
b) Rapporti ta' Progress Annwali
- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
- Skambju ta' fehmiet

1. Fil-21 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Rapport Ġenerali Annwali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar (ST 14498/REV1/25) li l-Kummissarju Valdis Dombrovskis ħejja fil-kapaċità tiegħu bħala Kummissarju għall-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni. Dan ir-rapport ikopri inizjattivi meħuda mill-Kummissjoni fl-ewwel seba' xhur tal-2025 li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piżijiet u jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni, inkluż l-ewwel sitt pakketti ta' proposti omnibus.

2. Fit-22 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Kummissarju Marta Kos (ST 16182/25), li jenfasizza l-miżuri ewlenin biex jissaħħu l-effiċjenza u l-effettività tal-politiki tal-UE dwar it-Tkabbir u l-Viċinat tal-Lvant. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll ir-Rapport ta' Progress Annwali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar tal-Viċi President Eżekuttiv Raffaele Fitto (ST 16262/25) li jkopri l-progress fl-oġġettivi ta' politika ewlenin, l-infurzar, l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni fil-qasam tal-koeżjoni u r-riformi. Ir-Rapporti ta' Progress Annwali tal-2025 jirreferu għall-perjodu minn Jannar sa Lulju 2025.
3. Fit-23 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu afferma mill-ġdid "il-ħtieġa urġenti li tiġi avanzata aġenda ambizzjuża u mmexxija orizzontalment li tindirizza s-simplifikazzjoni u r-regolamentazzjoni aħjar fil-livelli kollha – tal-UE, dak nazzjonali u dak reġjonali – u fl-oqsma kollha sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tal-Ewropa", ħeġġeġ "lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jħaffu l-ħidma tagħhom, bħala prijorità assoluta, fuq il-fajls kollha b'dimensjoni ta' simplifikazzjoni jew kompetittività" u appella għal azzjoni konkreta ulterjuri "biex tiġi evitata r-regolamentazzjoni żejda u l-introduzzjoni ta' piżijiet amministrattivi ġodda".
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden ikollu skambju ta' fehmiet dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar.